**26 ta' Mejju, 1958**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B. Litt., LL.D.**

Giusa Bellia

*versus*

Giuseppe Grech

**Sponsali — Danni — Kondizzjoni Riżolutt'va — Art. 1035(2) u 1111 tal-Kodiċi Ċivili — Proklama tat-28 ta' Ġunju 1834 (Kap. 7 tal-Liġijiet).**

*Ġuridikament, il-wegħda taż-żwieġ tikkostitwixxi veru u proprju kuntratt bilaterali; u w'eħed mill-effetti tagħha huwa li ma tistgħax titħassar ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet jew għal raġunijiet magħrufin mill-liġ'.*

*F'materja ta' sponsali, mbgħad, il-Proklama tat-28 ta' Ġunju 1834 j'ddisponi illi, jekk persuna kapaċi skond il-liġi tagħmel wegħda, kuntratt jew konvenzjoni, dwar iċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ, u tiksirhom volontarjament u illegalment, il-parti offiża jkollha l-jedd li teżerċita l-azzjoni tad-danni kontra l-parti ħatja tal-ksur jew tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni, b'dak il-mod u taħt l-istess regol: stabbiliti mill-liġi għat-talba ta' danni għall-ksur ta' kull wegħda, kuntratt jew konvenzjoni oħra; jiġifieri illi l-isponsali ġew parifikati għall-kuntratti l-oħra in ġeneral'.*

*Fost ir-raġunijiet preveduti mill-liġi għar-riżoluzzjoni tal-kuntratti hemm il-kondizzjoni riżolluttiva taċ'ta kontemplata fil-liġi għall-każ li waħda mill-partijiet tkun inadempjenti; 'mma il-kuntratt ma jinħallx "ipso jure", u l-Qorti tista' tagħti, skond iċ-ċirkustanzi, żmien xieraq lill-konvenut inadempjenti biex ikompli l-obligu tiegħu; għax ir-riżo'uzzjoni ta' kuntratt hija ħaġa serja, u jista' jkollha konsegwenzi serji għall-kontraenti. U għaldaqstant, biex il-Qorti tista' tiddetermina jekk waħda m'll-partijiet kellhiex raġun tħassar l-għerusija, jeħtieġ li tara jekk kienx hemm raġunijiet gravi biex titħassar dik l-għerusija.*

*Billi l-għarusa ma riedetx aktar tidħol fid-dar tal-ġen'turi tal-għarus, il-Qorti ddeċidiet, fil-każ preżenti, li din ma kienetx*

*raġuni suffiċjenti biex l-għarus iħassar l-għerusija tiegħu magħha; speċjalment meta jidher li l-għarus għaġġel wisq fid-deċiżjoni tiegħu li jħassar l-għerusija, u li l-kwistjoni setgħet tiġ' rranġata. U għalhekk l-għarus ġie kundannat iħallas id-danni minħabba reżiliment inġustifikat tal-isponsali.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni tal-attriċi, li biha, wara li ppremettiet illi l-konvenut kien għarus mal-attriċi u kien ippromettielha li jiżżewwiġha, u fil-fatt, wara li għadda ż-żmien tal-għerusija miftiehem bejn il-kontendenti, kienet ġiet fissata l-ġurnata tal-25 ta' April 1954 bħala l-jum tat-tieġ; u illi l-konvenut naqas mill-promessa taż-żwieġ li għamel lill-attriċi, u mingħajr ebda raġuni inġustament ħassar l-għerusija preċiżament erbgħa tijiem qabel it-tieġ; u illi l-attriċi kienet laħqet għamlet il-libsa għat-tieġ, għamlet l-inviti, inkarikat il-"waiters", xtrat diversi oġġetti għad-dota, u matul l-għerusija għamlet spejjeż oħra li jiġu pruvati waqt it-trattazzjoni tal-kawża; talbet li l-konvenut, għar-raġunijiet fuq imsemmija, jiġi kundannat iħallas lill-attriċi dik is-somma li tiġi likwidata minn din il-Qorti, anki per mezz ta' periti nominandi, jekk jeħtieġu, minnu dovuta in linea ta' danni li l-attriċi sofriet minħabba li l-konvenut, inġustament u mingħajr ebda raġuni, ħassar l-għerusija mal-attriċi, u naqas mill-promessa taż-żwieġ li huwa kien għamlilha. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-mandat ta' impediment tal-partenza tal-5 ta' Mejju 1954, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-perit legali, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, issottometta (a) illi l-għerusija tħassret mill-konvenut mingħajr raġuni ġusta, u għalhekk huwa responsabbli għad-danni li sofriet l-attriċi, u (b) illi dawn id-danni jammontaw għal £54. 3. 0 iżda l-attriċi għandha tirrestitwixxi l-ilbies u l-affarijiet tad-dar li tagħhom talbet il-pagament;

Illi fil-kors tal-proċeduri, u preċiżament fis-seduta tal-31 ta' Marzu 1955 (fol. 3), il-konvenut issottometta illi l-

attriċi mhix il-persuna li kellha d-dritt tagħmel il-kawża, billi d-danni kollha reklamati jirrigwardaw oġġetti li ġew mixtrija bil-flus tal-ġenituri tagħha; iżda, kif sewwa osserva l-perit legali fl-imsemmija relazzjoni tiegħu (fol. 75), ma jirriżultax illi l-flus li bihom inxtraw l-affarijiet huma tal-ġenituri tal-attriċi; u konsegwentement din l-eċċezzjoni qegħedha tiġi miċħuda; bl-ispejjeż kontra l-konvenut nonime;

Illi, fil-meritu, il-konvenut baqa' jsostni li l-għerusija tħassret minħabba l-aġir ħażin tal-attriċi mal-familja tiegħu; u fin-nota tiegħu fol. 84 huwa kkwalifika dak l-aġir tagħha bħala inkwiet serju u gravi biżżejjed biex jiġġustifika t-tħassir tal-għerusija;

Illi, ġuridikament, il-wegħda taż-żwieġ tikkostitwixxi veru u proprju kuntratt bilaterali; u wieħed mill-effetti tal-kuntratt, skond l-art. 1035(2) Kod. Ċiv., huwa li ma jistgħax jiġi mħassar ħlief bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet, jew għal raġunijiet magħrufin mill-liġi. F'materja, mbgħad, ta' sponsali, il-Proklama tat-28 ta' Ġunju 1834 (Kap. 7) jiddisponi illi, jekk persuna kapaċi skond il-liġi tagħmel wegħda, kuntratt jew konvenzjoni, dwar ċelebrazzjoni ta' żwieġ, . . . . u tiksirhom volontarjament u illegalment, . . . il-parti offiża jkollha l-jedd li teżerċita l-azzjoni ta' danni kontra l-parti ħatja tal-ksur jew tan-nuqqas ta' eżekuzzjoni, b'dak il-mod u taħt l-istess regoli stabbiliti mill-liġi għat-talba ta' danni għall-ksur ta' kull wegħda, kuntratt jew konvenzjoni oħra. Jiġifieri, l-isponsali ġew parifikati għall-kuntratti l-oħra in ġenerali. Issa, fost ir-raġunijiet preveduti mill-liġi għar-riżoluzzjoni tal-kuntratti hemm il-kondizzjoni riżoluttiva taċita kontemplata fl-art. 1111 tal-Kodiċi Ċivili, fil-każ li waħda mill-partijiet tkun inadempjenti (Borsari, Commento Cod. Civ. Ital., art. 1123, § 3007). Iżda l-kuntratt ma jinħallx "ipso jure"; u l-Qorti tista' tagħti skond iċ-ċirkustanzi, żmien xieraq lill-konvenut inadempjenti biex ikompli l-obligu tiegħu. Difatti, ir-riżoluzzjoni ta' kuntratt hija ħaġa serja, u jista' jkollha konsegwenzi anki diżastrużi għall-kontraenti; għaliex, kif jinnota Marcadè:— "Revocare una convenzione significa annientarla retroattivamente, come se non fosse mai stata" (Cod. Napol. art. 1134, § 464). Għaldaqstant hemm bżonn

li l-inadempiment ikun gravi u proporzjonat għall-gravità tal-konsegwenzi derivanti minn dik ir-riżoluzzjoni (Fadda, *Giurisp. Cod. Civ. Ital.*, art. *1165, §§ 236 u 239); u għal*-hekk, anki f'każ ta' sponsali, jeħtieġ illi l-kawża tar-reżiliment tkun gravi (Kollez. XXII-I-26). L-importanza ta' dan ir-rekwiżit ħassha anki l-konvenut, meta, kif fuq ingħad, huwa bbaża t-tħassir tal-għerusija fuq inkwiet serju u gravi, u meta, fil-kawża l-oħra fl-ismijiet invertiti, huwa ppremetta illi l-għarusa kienet qaltlu diskors gravi u nġurjuż kontra l-familja tiegħu;

Illi konsegwentement jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk il-konvenut *kellux raġuni gravi biex iħassar l-għerusija. Fix*-xhieda tiegħu . . . . . Din ir-raġuni fil-fehma tal-Qorti, mhix biżżejjed gravi biex tawtorizza lill-konvenut iħassar l-għerusija. Difatti, irriżulta . . . . . u li juru li anki fil-ħsieb tal-konvenut, dak li talvolta kienet għamlet l-attriċi ma kienx hekk serju li jiġġustifika t-tħassir tal-għerusija;

Illi l-konvenut fid-deċiżjoni tiegħu għaġġel wisq, u baqa' jwebbeż rasu anki wara li kien ċar li l-kwistjoni setgħet, minħabba l-ftit importanza, tiġi rranġata;

Illi dwar il-likwidazzjoni magħmula mill-perit ma saret ebda kontestazzjoni; u l-Qorti, wara li eżaminat ir-riżultanzi proċesswali, ma tħossx li għandha tiddisturba dik il-likwidazzjoni;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' t-talba tal-attriċi, billi tikkundanna lill-konvenut nomine jħallsilha s-somma ta' £54. 3. 0; b'dan li l-attriċi *tirrestitwixxi lill-konvenut l-ilbiesi tat-tieġ u l-affarijiet* tad-dar imsemmijin fir-relazzjoni peritali, u tipprova li ħallset £3 lill-"waiters" hemm ukoll imsemmija;

L-ispejjeż kollha għall-konvenut nomine.